**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 97/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Simon Gordon Hegarty**
**(ID 398098(M))**

**Illum, 23 ta' Ottubru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Simon Gordon Hegarty ta' 30 sena, iben Lino u Anita nee` Samson, imwieled l-Ingilterra nhar is-26 ta' Mejju 1983, residenti 'Iris', Triq il-Kbira, Mosta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 398098(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' April 2014 u fil-jiem ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga

msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

4. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi saq vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ABR 426, meta din il-vettura ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri lil terzi;

7. Kif ukoll talli saq vettura Peugeot bin-numru ABR 426, meta ma kellhiex licenzja rinovata sabiex tkun tista' tinstaq fit-triq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez dwar il-hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2015, l-imputat irregistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat, li fiz-zmien tar-reati odjerni, kienet wahda netta. Qieset ukoll illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat ma kinitx wahda bikrija u fil-fatt din giet registrata fl-istadju tal-provi tad-difiza u wara li l-Prosekuzzjoni diga` kienet

ghalqet il-provi taghha, biss kien hemm ukoll element car ta' kooperazzjoni da parti tal-imputat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi t-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet inghataw a bazi tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Qieset ukoll illi fil-jum in kwistjoni, fil-pussess tal-imputat instabu wiehed u hamsin pillola li, fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li huma pilloli *ecstasy* u ghoxrin pakkett bi trab abjad li, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hija droga kokaina.[1]

Mill-istqarrija tal-imputat[2], jirrizulta illi huwa kien ilu jikkonsma l-kokaina u l-*ecstasy* mill-eta` ta' hmistax jew sittax-il sena, li jiehu l-izjed il-kokaina, li d-droga li nstabet fuqu kien akkwistaha l-Gimgha wara nofsinhar (nhar l-4 ta' April 2014), li kellu hafna izjed kokaina minn dik li nstabet, li l-Gimgha u s-Sibt ikkonsma madwar zewg jew tliet grammi kokaina u li xtara madwar mitt pillola *ecstasy*, li hallas €400 ghall-*ecstasy* u €700 ghall-kokaina, li kkonsma hafna minn din id-droga l-Gimgha u s-Sibt u fir-rigward tal-pilloli *ecstasy*, qal illi jaghti hafna lil terzi li jkunu qeghdin mieghu b'xejn, fis-sens li joffrilhom – normalment *ecstasy*, ghaliex il-kokaina jzommha ghalih. L-imputat kompla jghid illi "*I am often asked from where they can buy drugs and I send them to a particular person whom I know would be selling drugs at the moment … I go to a lot of parties, and they ask me mostly for cocaine, and as I said I refer them to someone who's there. Sometimes they ask also for ecstasy and I do the same thing, I refer them to a particular person whom I know would be selling ecstasy*". Fir-rigward tad-droga kokaina li nstabet fil-pussess tieghu, l-imputat jghid illi dawn kienu jammontaw ghal erba' grammi, fil-waqt illi fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Gabriel Micallef jghid illi l-piz ta' kull pakkett kien ta' madwar 0.3 grammi u ghalhekk b'kollox sitt grammi, la darba nstabu ghoxrin pakkett. Il-Qorti tinnota li f'dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni ma talbitx li jinhatar espert sabiex janalizza jew tal-inqas jizen id-droga esebita. Ghalhekk fil-waqt illi skond l-imputat bejn il-Gimgha 4 ta' April 2014 sal-jum li fih instab fil-pussess tad-droga kokaina, huwa kellu zgur madwar sitta jew seba' grammi (iz-zewg jew tliet grammi li kkonsma oltre l-erba' grammi li jghid li kellu fuqu), skond il-Prosekuzzjoni, l-imputat kellu fil-pussess tieghu sitt grammi (20 pakkett ghal 0.3 grammi) oltre z-zewg jew tliet grammi li l-imputat jghid li kkonsma, ghalhekk tmienja jew disa' grammi. La darba l-piz ma giex stabbilit minn espert nominat mill-Qorti, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-izghar ammont u cioe` illi mill-4 ta' April 2014 sal-jum li fih gie arrestat, l-imputat

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef, a fol. 23 tal-process.
[2] A fol. 13 *et seq* tal-process.

kellu bejn sitta u seba' grammi kokaina u li skond hu, huwa lahaq ikkonsma bejn zewg u tliet grammi minnhom.

Qieset ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* Dorian Cornelius[3] u s-*Social Inquiry Report* redatt minnu[4], mil-liema jirrizulta illi l-imputat beda juza d-droga (ghall-ewwel l-*ecstasy* biss) meta kellu sittax-il sena u minn hemm baqa' jabbuza mid-droga sakemm ta' tmintax-il sena beda jiehu l-kokaina u fi kliemu, beda jmur lura. Dan apparti illi huwa jghid li ha minn kull tip ta' droga, ghalkemm qatt ma ttaqqab. Il-problema tad-droga ghalhekk jidher li kienet wahda akuta u l-imputat anke ghamel perjodu ta' hmistax-il jum rikoverat gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Skond hu, meta bdew dawn il-proceduri, waqaf mill-uzu tad-droga. Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, bejn is-7 ta' Awwissu 2014 u t-3 ta' Novembru 2014, l-imputat issottometta ruhu ghal seba' testijiet tal-urina gewwa l-Ufficju tad-Dipartiment tal-*Probation*, liema testijiet ilkoll irrizultaw fin-negattiv ghall-uzu tas-sustanzi kokaina, eroina u cannabis.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat ukoll is-serjeta` tar-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat u li l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tieghu m'huwiex zghir. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha (hlief il-hames imputazzjoni li tikkonsisti fl-aggravju tad-distanza).

Qieset ukoll is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet dwar il-piena ossia illi l-imputat ghandu jigi kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija effettiva. F'dan ir-rigward u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, il-Qorti tqis illi piena ta' sitta u ghoxrin xahar prigunerija effettiva tkun izjed idonea, apparti l-piena ta' multa.

Qieset ukoll illi mix-xhieda ta' Karen Cremona, in rapprezentanza ta' Transport Malta, jirrizulta illi l-vettura esebita formalment in atti ossia l-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni ABR 426 hija registrata fuq l-imputat u li ilha hekk registrata mid-19 ta' Awwissu 2010. Issa ghalkemm ma jirrizultax mill-atti illi din il-vettura kienet strument jew mezz li kien juza l-imputat sabiex jitraffika d-droga u fir-rigward tal-imputazzjonijiet dwar il-pussess aggravat, ghalkemm id-droga instabet fil-vettura waqt li l-imputat ukoll kien qieghed fiha, il-Qorti ma jidhriliex illi din il-vettura kienet il-*corpus delicti* jew l-istrument li serva sabiex isir dan id-

[3] A fol. 59 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 65 *et seq* tal-process.

delitt, biss ma jistax jinghad l-istess fir-rigward tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet. Anke r-reati kkontemplati f'dawn l-imputazzjonijiet huma delitti u l-vettura esebita in atti kienet proprju l-istrument li serva sabiex dawn isiru. La darba din il-vettura tinsab esebita in atti u la darba jirrizulta car illi l-istess vettura hija registrata f'isem l-imputat, il-Qorti qed tordna l-konfiska taghha ai termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 3(1) u (2)(a) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' **sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija effettiva** u **multa kumplessiva ta' tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati fi zmien tmintax-il xahar mid-data li fiha huwa jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna l-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il (12) xahar mid-data li fiha huwa jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tinghata b'din is-sentenza.

Tordna l-konfiska tal-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni ABR426, esebita formalment bhala Dok. GM 6, favur il-Gvern ta' Malta, flimkien ma' Dok. GM 7 u dan ai termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha esebiti bhala Dok. GM 8 u GM 9, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobiles* esebiti bhala Dok. GM 10 favur il-hati.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat